*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,865, 13 ta' Jannar, 2006*
*Taqsima B*

**A.L. 13 ta' l-2006**

## ATT DWAR POTERI LI JSIRU REGOLAMENTI FL-INTERESS NAZZJONALI (KAP. 365)

### Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Kontroll u s-Sigurezza ta' Sorsi li għandhom Attività Għolja u dawk Orfni

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

**1**. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Kontroll u s-Sigurezza ta' Sorsi li għandhom Attività Għolja u dawk Orfni.

(2) Dawn ir Regolamenti għandhom, kemm il-darba ma jiġix indikat mod ieħor, jiftiehmu u jinqraw ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2003 dwar is-Sigurtà Nukleari u l-Protezzjoni mir-Radjazzjoni, hawn iżjed il quddiem imsejħa "ir-Regolamenti ta' l-2003". A.L. 44 ta' l-2003.

(3) Dawn ir-regolamenti jimplimentaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/122/Euratom u l-Kodiċi ta' Etika dwar Sigurtà u Sigurezza ta' Sorsi Radjuattivi.

Dhul fis-seħħ.

(4) Dawn ir-regolament għandhom jidħlu fis-seħħ fil-31 ta' Jannar, 2006, iżda, fir-rigward ta' sorsi mqegħdin fis-suq qabel din id-data :

(a) ir-regolamenti 8 sa 11 għandhom jidħlu fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru, 2007; u

(b) ir-regolament 12 ma japplikax, b'eċċezzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti li ġejjin, li jidħlu fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru, 2007:

- il-pussessur għandu jiżgura li, jekk ikun prattikabbli, kull tali sors u l-kontentur tas-sors ikollu magħhom informazzjoni miktuba li tkun tidentifika lis-sors u n-natura tas-sors,

- il-pussessur għandu jiżgura li, jekk ikun prattikabbli, kull tali sors u l-kontenitur tas-sors ikollhom tabella li tkun turi sinjal adatt li jwissi lill pubbliku bil-periklu ta' radjuattività.

Awtorità kompetenti.

**2.** L-awtorità kompetenti li għandha kull responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti hi l-Bord għall-Protezzjoni mir-Radjazzjoni, barra fejn jiġi espliċitament speċifikat.

Skop.

**3.** (1) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu biex-

(i) tiġi evitata l-espożizzjoni tal-ħaddiema u tal-pubbliku għar-radjazzjoni jonizzanti kkawżata minn nuqqas ta' kontroll ta' sorsi ta attività radjuattiva għolja u dawk orfni;

(ii) jiddefinixxu rekwiżiti speċifiċi li jiżguraw li kull tali sors tkun miżmuma taħt kontroll;

(iii) jilħqu u jżommu livell għoli ta sigurtà u sigurezza' ta sorsi radjuattivi;

(iv) jiġi evitat li jkun hemm aċċess mhux awtorizzat jew ħsara lil, u telf, serq jew trasferiment mhux awtorizzat ta' sorsi radjuattivi, sabiex tiġi mnaqqsa l-probabbilità ta' espożizzjoni dannuża aċċidentali minn dawk is-sorsi u l-użu bi skop ħażin ta' dawk is-sorsi sabiex tiġi kkawżata ħsara lil individwi, lis-soċjetà jew lill-ambjent; u

(v) itaffu jew inaqqsu l-konsegwenzi radjoloġiċi ta' kull inċident jew att bi skop ħażin li jkun jinvolvi sors radjuattiv.

Applikazzjoni.

**4.** Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-sorsi ta' attività għolja kif definiti f'regolament 6. Jiġu esklużi mill-iskop ta' dawn ir-regolamenti sorsi li l-attività tagħhom tkun waqgħat taħt il-livelli ta'eżenzjoni kif speċifikat fir-Regolament ta' l-2003.

Obbligazzjonijiet minimi.

**5.** L-obbigazzjonijiet minimi li jirriżultaw minn dawn ir-regolamenti, jissupplimentaw dawk imniżżlin fir-Regolament ta' l-2003.

Tifsir.

**6.** Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw dawn it-tifsiriet li ġejjin:

"awtorizzazzjoni għal sors ta' attività għolja" tfisser awtorizzazzjoni mogħtija permezz ta' dokumentat mill-Bord, wara li ssirlu talba sabiex titħaddem prattika li tinvolvi sors;

"fornitur" tfisser persuna naturali jew ġuridika li tforni jew tagħmel sors disponibbli;

"ħażna" tfisser iż-żamma ta' sorsi radjuattivi f'faċilità li tipprovdi għaż-żamma fil-limiti ta' dawk is-sorsi bl-intenzjoni li dawn jitneħħew;

"kultura ta' sigurezza" tfisser karatteristiċi u attitudnijiet fl-organizzazzjoni u f'individwi li jistabilixxu li kwistjonijiet ta sigurezza jirċievu l-attenzjoni li jixirqilhom skond l-importanza tagħhom;

"kultura ta' sigurtà" tfisser dawk il-karatteristiċi u attitudnijiet fl-organiżżazzjoni u individwi li jistabilixxu li bi prijorità fuq kollox, il-protezzjoni u kwistjonijiet ta' sigurtà jirċievu l-attenzjoni li jixirqielhom skond l-importanza tagħhom;

"livell ta' sigurezza'" tfisser il-livell ta sigurezza li jrid jiġi applikat għal sorsi ogħla mill-livelli ta' attività kif imnizzlin fil-kolonni differenti ta' Skeda I;

"manifattur" tfisser persuna naturali jew ġuridika li timmanifattura sors;

"maniġġar" tfisser dawk l-attivitajiet amministrattivi u operazzjonali li huma involuti fil-manifattura, provvista, twassil, pussess, ħażna, użu, trasferiment, importazzjoni, esportazzjoni, trasport, manutenzjoni, riċiklaġġ jew tneħħija ta' sors ta' attività għolja ta' sorsi radjuattivi;

"pussessur" tfisser persuna naturali jew ġuridika responsabbli għal sors, taħt il-liġi nazzjonali, li tkun, inklużi manifatturi, fornituri u dawk li jużaw sorsi, imma teskludi "stallazzjonijiet awtorizzati";

"reċipjent ta' sors" tfisser ir-reċipjent li jżomm fih is-sors issiġillat illi ma jkunx parti integrali mis-sors, imma użat għat-trasport, tqandil u attivitajiet bħal dawn;

"sigurezza" tfisser miżuri sabiex jiġi evitat l-aċċess mhux awtorizzat jew ħsara lil, u telf, serq jew trasferiment mhux awtorizzat ta', sorsi radjuattivi;

"sigurtà" tfisser miżuri meħuda sabiex titnaqqas il-probabbilta' ta' inċidenti li jinvolvu sorsi radjuattivi u, jekk ikollu jiġri xi inċident, jitnaqqsu l-konsegwenzi;

"sors li ma għadux jintuża" tfisser sors li ma għadux jintuża aktar jew li mhux intiż sabiex jintuza għal dik il-prattika li tkun ingħatat awtorizzazzjoni għal sors ta' attività għolja;

"sors orfni" tfisser sors radjuattiv, li meta jinsab, ikollu livell ta' attività ogħla mill livell ta' eżenzjoni msemmi f'Artiklu 3(2)(a) tad-Direttiva 96/29/Euratom, u li mhux taħt kontroll regolatorju, jew minħabba li qatt ma kien taħt kontroll regolatorju jew minħabba li kien abbandunat, mitluf, mhux imqiegħed f'postu, misruq, jew trasferit, mingħajr ma jkun ġie mogħti avviż kif imiss lill-awtorità kompetenti, lill pussessur ġdid jew mingħajr ma r-riċevitur ikun ġie infurmat.

"sors radjuattiv" tfisser sors issiġillat u kull materjal radjuattiv li jkun ħareġ jekk is-sors issiġillat ikun inixxi jew miksur, imma ma jfissirx materjal ikkapsulat għat-tneħħija, jew materjal nukleari fiċ-ċiklu tal-karburant nukleari ta' reatturi għar-riċerka u l-enerġija;

"sors ta' attività għolja" tfisser sors radjuattiv li jkun fih radjunuklidu li, meta jkun immanifatturat, jew jekk dan ma jkunx magħruf, meta jitqiegħed fis-suq għall ewwel darba, ikollu attività daqs jew li teċċedi l-attività rilevanti kif speċifikata fil-kolonna Livell ta' Attività 3 ta' Skeda I;

"stallazzjoni awtorizzata" tfisser faċilità f'Malta, awtorizzata mill-Bord, skond liġijiet nazzjonali, sabiex tkun tista' ssir ħażna fit-tul jew tneħħija ta' sors ta' attivita għolja jew stallazzjoni awtorizzata skond liġijiet nazzjonali għal ħażna ta' sorsi għal żmien definit;

"tneħħija ta' sors ta' attività għolja" tfisser it-tqeghid ta' sorsi radjuattivi fi stallazzjoni rikonoxxuta adatta, mingħajr intenzjoni li terġa tiġi rkuprata;

"trasferiment ta' sors" tfisser it-trasferimrnt ta' sors minn pussessur għall-ieħor.

Funzjonijiet tal-Bord.

**7.** Il-funzjonijiet tal-Bord fir-rigward ta' dawn ir-regolamenti huma li:

(a) jipproponi regoli u joħroġ gwidi relatati mas-sigurtà u s-sigurezza ta' sorsi radjuattivi;

(b) jeħtieġ lil dawk li bi ħsiebhom jimmaniġġaw sorsi radjuattivi sabiex jitolbu awtorizzazzjoni għal sors ta attività għolja, u li jippreżentaw:

(i) evalwazzjoni tar-riskju; u

(ii) pjan jew evalwazzjoni ta’ sigurezza skond kif ikun adatt;

(ċ) jikseb kull informazjoni rilevanti mingħand l-applikant għal awtorizzazzjoni;

(d) joħroġ, jemenda, jissospendi jew jirrevoka, skond il-bżonn, awtorizzazzjonijiet għal sorsi radjuattivi.

(e) jorbot kundizzjonijiet ċari u mhux ambigwi ma’ l-awtorizzazzjonijiet li joħroġ;

(f) jikseb kull informazzjoni, rilevanti u neċessarja mingħand persuna li tkun inħarġitilha awtorizzazzjoni, partikolarment jekk jinħass il-bżonn minn evalwazzjonijiet tas-sigurtà u sigurezza riveduti;

(g) jiħtieġ lill-fornituri jew lil min jittrasferixxi sorsi radjuattivi jew apparat li jinkorporaw sorsi radjuattivi sabiex jipprovdu lir-riċevitur b’kull informazzjoni teknika rilevanti sabiex ikunu jistgħu jiġu maniġġati b’mod sigur u b’sigurezza;

(h) jidħol f’postijiet biex jagħmel spezzjonijiet għall-verifika ta’ konformità mal-liġijiet regolatorji;

(i) jissorvelja, jew jitlob lil korpi awtorizzati oħra sabiex jissorveljaw postijiet ta’ kontroll adatt, bl-għan li jikxfu sorsi orfni;

(j) jiżgura li jittieħdu azzjonijiet korrettivi meta sors radjuattiv ma jkunx qiegħed f’kundizzjoni sigura jew ta’ sigurezza;

(k) jipprovdi, abbażi ta’ kull każ għalih, informazzjoni li tkun meqjusa neċessarja, lill-persuna li jkollha awtorizzazzjoni għal sors ta’ attività għolja u lill pubbliku, sabiex ikunu protetti individwi, is-soċjetà u l-ambjent;

(l) jikkomunika u jikkoordina ma’ aġenziji oħra tal-Gvern u ma’ aġenziji mhux tal-Gvern fuq l-aspetti kollha relatati mas-sigurtà u s-sigurezza ta’ sorsi radjuattivi;

(m) jikkomunika ma’ aġenziji regolatorji ta’ pajjiżi oħra u ma’ għaqdiet internazzjonali sabiex jippromwovi koperazzjoni u bdil ta’ informazzjoni regolatorja;

(n) jistabilixxi kriterji għal interventi f'każijiet ta emerġenza;

(o) jiżgura li sorsi ta' radjuattività ikunu maħżuna f'faċilitajiet adegwati għal li skop ta' dik il-ħażna;

(p) jiżgura li, fejn sorsi li m'għadhomx jintużaw ikunu maħżuna għal perjodu twil ta' żmien, il-faċilitajiet fejn dawn jiġu maħżuna ikunu tajbin għal dak l-iskop; u

(q) joħroġ gwidi fuq kull aspett tal-livelli differenti ta'sigurezza.

Awtorizzazzjoni għal sors ta' attività għolja.

**8.** (1) Il-Bord jirrikjedi lill pussessur li jikseb minn qabel awtorizzazzjoni għal sors ta' attività għolja, għal kull prattika li tinvolvi xi sors, inkluż li wieħed jieħu pussess ta' sors.

(2) Qabel ma joħroġ awtorizzazzjoni għal sors ta' attività għolja, għandu jiġi żgurat li l-pussessur potenzjali ikun ħaseb għal:

(a) arranġamenti adegwati, inklużi dawk li joħorġu minn dawn ir-regolamenti dwar:

(i) l-immaniġġjar sigur u b'sigurezza tas-sorsi;

(ii) sorsi li m'għadhomx jintużaw, inkluż kull qbil dwar it-trasferimenti ta' dawk is-sorsi, jekk ikun il-każ, lil fornitur, pussessur awtorizzat ieħor jew stallazzjoni awtorizzata;

(iii) il-fornitur, sabiex huma jieħdu lura sorsi li m'għadhomx jintużaw;

(b) li jkun ġie provdut adegwatament għall-immaniġġjar tas-sorsi, kemm b'sigurtà finanzjarja jew b'mezzi oħra ekwivalenti u proporzjonati mas-sors in kwistjoni, meta dawn isiru sorsi li m'għadhomx jintużaw, inkluż il-każ meta l-pussessur ifalli jew ma jibqax bin-negozju;

(ċ) l-assenjar tar-responsabbilitajiet f'dik il-prattika;

(d) il-kompetenzi minimi tal-ħaddiema, inkluża kull informazzjoni u kull taħriġ;

(e) il-kriterji minimi ta' kif għandhom ikunu l-kapaċità tas-sors, ir-reċipjent tas-sors u kull apparat addizzjonali;

(f) il-proċeduri ta' emerġenza u linji ta' komunikazzjoni;

(g) il-proċeduri tax-xogħol li għandhom jiġu segwiti;

(h) il-manutenzjoni ta' l-apparat, sorsi u reċipjenti;

(i) il-maniġġar adegwat ta' sorsi li m'għadhomx jintużaw, inkluż kull qbil dwar it-trasferiment ta' dawk is-sorsi, jekk ikun il-każ, lil-fornitur, pussessur awtorizzat ieħor jew stallazzjoni awtorizzata;

(j) il-pjan jew evalwazzjoni ta' sigurezza inklużi miżuri sabiex ikun skopert u mdewwem l-aċċess mhux awtorizzat għal, jew is-serq, telf, jew użu mhux awtorizzat jew tneħħija ta' sorsi radjuattivi, f'kull stadju ta' maniġġjar. Kemm sigurezza tkun meħtieġa, jiddependi mill-livell ta' attività tas-sors kif imniżżel fit-tliet kolonni fi Skeda I. F'Tabella I fi Skeda III jingħataw il-miżuri ta' sigurezza għal-livelli ta'attività differenti. Il-pjan jew evalwazzjoni ta' sigurezza għandu jiġi eżaminat mill-ġdid perjodikament u għandhom jinżammu *records* ta' dawk il-reviżjonijiet;

(k) il-kriterji minimi ta' twettiq u manutenzjoni għal apparat u sistemi użati sabiex tiġi żgurata s-sigurtà u s-sigurezza tas-sorsi radjuattivi;

(l) il-miżuri li jistabilixxu, kif xieraq, l-affidabilità ta' dawk l-individwi li jkunu involuti fl-immaniġġar ta' sorsi radjuattivi; u

(m) il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni relatata mas-sigurezza ta' sorsi.

(3) Il-pussessur għandu r-responsabbiltà primarja għall-immaniġġjar sigur u s-sigurezza ta' sorsi radjuattivi.

**9.** Il-pussessuri għandhom jinnotifikaw u jiksbu l-approvazzjoni bil-miktub tal-Bord qabel kull trasferiment ta' xi sors. Trasferimenti.

**10.** (1) Il pussessur għandu jzomm dokumentazzjoni ta' kull sors taħt ir-responsabbiltà tiegħu, il-lokazzjoni tagħhom u trasferiment tagħhom. Id-dokumentazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni mitluba fi Skeda II. Din l-informazzjoni tista' tiġi dokumentata fuq formola *standard* kif murija fi Skeda II. Dokumentazzjoni.

(2) Il pussessur għandu jipprovdi lill-Bord b'kopja elettronika jew miktuba, bil-partijiet rilevanti tad-dokumentazzjoni msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament:

- malajr kemm jista' jkun, fil-waqt li din id-dokumentazzjoni tkun qiegħda ssir, u li għandu jkun mill-aktar fis possibli wara li jkun ġie akkwistat is-sors;

- sal-31 ta' Jannar ta' kull sena;

- jekk tinbidel is-sitwazzjoni minn kif tkun indikata fuq il-formola ta' informazzjoni;

- malajr kemm jista' jkun, malli tingħalaq d-dokumentazzjoni għal sors speċifiku meta l-pussessur ma jkunx aktar fil-pussess ta' dak is-sors;

- f'dak il-każ l-isem tal-pussessur jew ta' l-istalazzjoni awtorizzata għand min is-sors ikun trasferit, għandu jiġi mniżżel;

- malajr kemm jista' jkun, malli tingħalaq id-dokumentazzjoni meta l-pussessur ma' jkollux aktar sorsi fil-pussess tiegħu;

- u meta jkun hekk jeħtieġ mill-Bord.

Id-dokumentazzjoni tal-pussessur għandha tkun disponibbli għal kull spezzjoni mill-Bord.

(3) Il-Bord għandu jżomm dokumentazzjoni tal-pussessuri awtorizzati u tas-sorsi li dawn ikollhom. Din id-dokumentazzjoni għandha tinkludi r-radjunuklidu involut, l-attività ta' meta ġie manifatturat, jew jekk dik l-attività ma tkunx waħda magħrufa, l-attività ta' meta s-sors tqiegħed fis-suq għall-ewwel darba jew meta l-pussessur ikun akkwista s-sors, u t-tip tas-sors.

(4) Il-Bord irid iżomm id-dokumentazzjoni aġġornata inkluż trasferimenti u fatturi oħra.

Rekwiżiti meħtieġa mill-pussessuri.

**11.** Kull pussessur ta' sors għandu:

(a) jiżgura li jsiru eżamijiet adegwati, bħal eżami għat-tnixxija bażat fuq standards internazzjonali, kull 14 il-xahar sabiex tiġi żgurata u mantnuta l-integrità ta kull sors;

(b) jivverifika li kull sors, u fejn relevanti, l-apparat li fih is-sors, ikun għadu preżenti u li jidher li qiegħed f'kundizzjoni tajba fejn ikun qiegħed jiġi użat jew maħżun. Din il-verifika għandha issir skond kif elenkat f'Tabella 2, fi Skeda III;

(ċ) jiżgura li kull sors fiss jew mobbli huwa soġġett għal miżuri dokumentati adegwati, bħal protokolli u proċeduri, immirati sabiex jipprevenu aċċess mhux awtorizzat, jew telf jew serq tas-sors jew ħsara min-nar;

(d) minnufih javża lill Bord b'kull telf, serq jew użu mhux awtorizzat tas-sors, jagħmel arranġamenti għal eżami ta' l-integrità ta' kull sors wara kull avveniment, inkluż ħruq, li jkun seta' ikkawża ħsara lis-sors, u jekk ikun il-każ, jinforma lill Bord bil-każ u bil-miżuri mittieħda;

(e) malli jispiċċa l-użu tas-sors, jirritorna kull sors mhux użat lill-fornitur jew iqiegħed s-sors fi stallazzjoni approvata jew jittrasferiha lill pussessur awtorizzat ieħor, mingħajr ebda telf ta' żmien;

(f) jiżgura li r-riċevitur ikollu awtorizzazzjoni għal sors ta' attività għolja, u dan qabel ma jsir it-trasferiment;

(g) javża immedjatament lill Bord b'kull inċident li jirriżulta f'espożizzjoni mhux intenzjonata ta' xi ħaddiem jew membru tal-pubbliku.

**12.** (1) Il-manifattur għandu jidentifika, jew fil-każ ta' sors impurtat minn barra l-Kommunità Ewropea, il-fornitur għandu jiżgura li kull sors ikun identifikat b'numru uniku. Dan in-numru għandu jiġi mnaqqax jew stampat fuq is-sors, fejn dan ikun prattiku. Identifikazzjoni u mmarkar.

(2) Dan in-numru jrid ikun imnaqqax jew stampat fuq il-kontenitur tas-sors. Jekk dan mhux possibli jew fil każ ta kontenituri użati għat-trasport, l-informazzjoni dwar in-natura tas-sors għanda tkun fuq il-kontenitur.

(3) Il-manifattur jew il-fornitur għandhom jiżguraw li l-kontenitur tas-sors, u, fejn prattiku is-sors, ikunu mmarkati b'sinjal adatt sabiex iwissi lin-nies bil-periklu tar-radjazzjoni.

(4) Il-manifattur għandu jipprovdi ritratt ta' kull tip ta' disinn ta' sors manifatturat u tal-kontenitur tipiku tas-sors.

(5) Il-pussessur għandu jiżgura li kull sors għandu jkollu miegħu informazzjoni miktuba li tindika li s-sors ikun identifikat u mmarkat skond kif jgħid is-subregolament (1) u li l-marki u t-tabelli subregolament (1) jibqgħu leġibbli. Din l-informazzjoni għandha tinkludi ritratti tas-sors, tal-kontenitur tas-sors, ta' l-ippakkjar tas-sors, ta' l-istrument u ta' apparat skond kif ikun il-bżonn.

Taħriġ u informazzjoni.

**13.** (1) Meta jkun qiegħed jagħti informazzjoni u taħriġ fil-protezzjoni minn radjazzjoni skond Artiklu 22 tad-Direttiva 96/29/Euratom, il-pussessur għandu jiżgura li dan it-taħriġ ikun jinkludi rekwiżiti speċifiċi għall-immaniġġar tas-sigurtà tas-sorsi.

(2) L-informazzjoni u t-taħriġ għandhom jenfasizzaw partikularment ir-rekwiżiti tas-sigurtà neċessarji, u għandhom ikunu jinkludu informazzjoni speċifika fuq il-konsegwenzi possibli jekk jintilef il-kontroll adegwat tas-sorsi.

(3) L-informazzjoni u t-taħriġ għandhom ikunu ripetuti f'intervalli regolari kif ukoll dokumentati, bi skop li jippreparaw adegwatament lill-ħaddiema rilevanti għal xi avveniment simili.

(4) L-informazzjoni u t-taħriġ għandhom ikunu mgħotijin lill-ħaddiema esposti.

Sorsi orfni.

**14.** (1) Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili huwa l-aġenzija responsabbli sabiex jiġbru lura sorsi orfni u sabiex jieħu ħsieb emerġenzi radjoloġiċi li jinqalgħu minħabba sorsi orfni u d-Dipartiment għandu jipprepara pjanijiet u miżuri adegwati.

(2) Il-Bord jagħti asisstenza u pariri tekniċi speċjalizzati lill-persuni li jissuspettaw il-preżenza ta' sors orfni, u li ma jkunux normalment involuti f'xogħol li jkun soġġett għar-rekwiżiti ta' protezzjoni minn radjazzjoni.

(3) Kull min jinnegozzja ruttam għandu jkollu aċċess għas-sorveljanza adegwata tar-radjazzjoni sabiex ikun jista' jaċċerta li mar-ruttam ma jkunx hemm sorsi orfni.

(4) Il-Bord għandu jinkoraġġixxi li jiġu stabbiliti sistemi intenzjonati sabiex jinsabu sorsi orfni f'postijiet, bħal postijiet fejn jinġabar ir-ruttam u faċilitajiet fejn jiġi riċiklat ir-ruttam, fejn ġeneralment ikunu l-iktar postijiet fejn jinsabu sorsi orfni, jew postijiet sinifikanti ta' inkroċju fejn isir transitu, kull fejn dan ikun adatt, bħal postijiet tad-dwana.

(5) Il Bord għandu jorganizza, skond kif ikun adatt, il-ġbir lura ta' sorsi orfni mħollija minn attivitajiet tal-passat.

**15.** Il-Bord għandu minnufiħ jiskambja informazzjoni u jikkoopera ma' Stati Membri rilevanti oħra jew ma' terzi pajjiżi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti fir-rigward tat-telf, tneħħija, serq jew kxif ta' sorsi u fir-rigward ta' azzjonijiet meħuda wara, jew investigazzjonijiet, mingħajr preġudizzju għall-kunfidenzjalità tar-rekwiżiti rilevanti u ta' regolamenti internazzjonali rilevanti.

Ko-operazzjoni internazzjonali u bdil ta' informazzjoni.

**16.** (1) L-awtorità regolatorja li tinforza dawn ir-regoalmenti f'isem il-Bord hija l-Awtorità għas Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

Infurzar.

(2) Uffiċjali ta' l-Awtorità għas Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, awtorizzati bil-miktub mill-Bord għall-Protezzjoni mir-Radjazzjoni, għandhom jagħmlu spezzjonijiet biex jinfurzaw il-provdimenti ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Kull ksur ta' dawn ir-regolament jew ta' l-Iskedi li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, ikun meqjus bħala reat.

(4) F'kull proċedura għal reat taħt dawn ir-regolamenti li jkunu jikkonsistu f'nuqqas ta' konformità ma' xi dmir jew ħtieġa li ssir xi ħaġa, tkun ir-responsabbiltà ta' l-akkużat li jġib prova, skond il-każ, li ma kienx prattiku li jsir aktar milli fil-fatt ikun sar sabiex tkun sodisfatta dik il-htieġa jew dak id-dmir, jew li ma kienx hemm mezz aktar prattiku milli fil-fatt ġie użat sabiex jiġi sodisfatt dak id-dmir jew dik il-ħtieġa.

**SKEDA I**

**Livelli ta' attivita`**

Għal dawk ir-radjunuklidi li ma humiex fit-tabella hawn taħt, imma hemm riferenza għalihom f'Anness I, Tabella A, tad-Direttiva 96/29/Euratom, il-livell ta' attivita rilevanti huwa ta' wieħed minn kull mija tal valur A1 mogħti fir-regolamenti tal-IAEA għat-trasport sigur ta materjal radjuattiv.

Tabella 1

| Element (Numru Atomiku) | Radionuklidu | Livell ta' Attivita 3 | Livell ta' Attivita 2 | Livell ta' Attivita 1 |
|---|---|---|---|---|
| | | Bq | Bq | Bq |
| Amerիċju (95) | Am-241[(a)] | $1 \times 10^{11}$ | $6 \times 10^{11}$ | $2 \times 10^{15}$ |
| Kaliforjum (98) | Cf-252 | $5 \times 10^{8}$ | $5 \times 10^{11}$ | $2 \times 10^{13}$ |
| Kurjum (96) | Cm-244 | $2 \times 10^{11}$ | $5 \times 10^{11}$ | $5 \times 10^{13}$ |
| Kobalt (27) | Co-60 | $4 \times 10^{9}$ | $3 \times 10^{11}$ | $3 \times 10^{13}$ |
| Ċesju (55) | Cs-137 | $2 \times 10^{10}$ | $1 \times 10^{12}$ | $1 \times 10^{14}$ |
| Gadolinju (64) | Gd-153 | $1 \times 10^{11}$ | $1 \times 10^{13}$ | $1 \times 10^{15}$ |
| Iridju(77) | Ir-192 | $1 \times 10^{10}$ | $8 \times 10^{11}$ | $8 \times 10^{13}$ |
| Prometju (61) | Pm-147 | $4 \times 10^{11}$ | $4 \times 10^{14}$ | $4 \times 10^{16}$ |
| Plutonju (94) | Pu-238 | $1 \times 10^{11}$ | $6 \times 10^{11}$ | $6 \times 10^{13}$ |
| Plutonju (94) | Pu-239[(a)] | $1 \times 10^{11}$ | $6 \times 10^{11}$ | $6 \times 10^{11}$ |
| Radjum (88) | Ra-226[(a)] | $9 \times 10^{19}$ | $4 \times 10^{11}$ | $4 \times 10^{13}$ |
| Silenju (34) | Se-75 | $3 \times 10^{10}$ | $2 \times 10^{12}$ | $2 \times 10^{14}$ |
| Stronzju (38) | Sr-90 | $3 \times 10^{9}$ | $1 \times 10^{13}$ | $1 \times 10^{15}$ |
| Thuljum (69) | Tm-170 | $3 \times 10^{10}$ | $2 \times 10^{14}$ | $2 \times 10^{16}$ |
| Itterbju (70) | Yb-169 | $4 \times 10^{10}$ | $3 \times 10^{12}$ | $3 \times 10^{14}$ |
| Deheb (79) | Au-198 | $1 \times 10^{10}$ | $2 \times 10^{12}$ | $2 \times 10^{14}$ |
| Kadmju (48) | Cd-109 | $3 \times 10^{11}$ | $2 \times 10^{14}$ | $2 \times 10^{16}$ |
| Kobalt (27) | Co-57 | $1 \times 10^{11}$ | $7 \times 10^{12}$ | $7 \times 10^{14}$ |
| Iron (26) | Fe-55 | $4 \times 10^{11}$ | $8 \times 10^{15}$ | $8 \times 10^{17}$ |
| Germanjum (32) | Ge-68 | $5 \times 10^{9}$ | $7 \times 10^{12}$ | $7 \times 10^{14}$ |
| Nikil (28) | Ni-63 | $4 \times 10^{11}$ | $6 \times 10^{12}$ | $6 \times 10^{14}$ |
| Kripton (36) | Kr-85 | $1 \times 10^{11}$ | $3 \times 10^{14}$ | $3 \times 10^{16}$ |
| Jodju (53) | I-125 | $2 \times 10^{11}$ | $2 \times 10^{12}$ | $2 \times 10^{14}$ |
| Palladju (46) | Pd-103 | $4 \times 10^{11}$ | $9 \times 10^{14}$ | $9 \times 10^{16}$ |
| Pollonju (84) | Po-210 | $4 \times 10^{11}$ | $6 \times 10^{12}$ | $6 \times 10^{14}$ |
| Rutinju (44) | Ru-106 | $2 \times 10^{9}$ | $3 \times 10^{12}$ | $3 \times 10^{14}$ |
| Tallju (81) | Tl-204 | $1 \times 10^{11}$ | $2 \times 10^{12}$ | $2 \times 10^{14}$ |

(a) Jinkludi sorsi ta newtroni ma berillju

## SKEDA II

### Tabella 2

<table>
<tr>
<td>1 Numru ta’ identifikazzjoni tas-Sorsi ta’Attivita` Għolja</td>
<td>2 Identifikazzjoni tal-pussessur awtorizzat<br><br>Isem:<br>Indirizz<br>Pajjiż<br>Manifattur ☐ Fornitur ☐ Min juża ☐</td>
<td>3 Fejn tinstab is- Sorsi ta’Attivita` Għolja (Użu jew ħażna)<br>Jekk mhux l-istess bħal 2<br>Isem:<br>Indirizz<br><br>Użu fiss ☐ Ħażna ☐</td>
</tr>
<tr>
<td>4 Reġistrazzjoni<br>Data tal-bidu tar-reġistrazzjoni:<br>Data tat-trasferiment tar-reġistrazzjoni għal fajl storiku:</td>
<td>5 Awtorizzazzjoni għal Sors ta’ Attivita` Għolja<br>Numru<br><br>Data tal-ħruġ:<br>Data ta’ skadenza</td>
<td rowspan="2">6 Kontroll operattiv tas-Sorsi ta’Attivita` Għolja<br>Data:<br>Data:<br>Data:<br>Data:<br>Data:<br>Data:<br>Data:<br>Data:<br>Data:<br>Data:<br>Data:<br>Data:</td>
</tr>
<tr>
<td rowspan="2">7 Karatteristiċi tas- Sorsi ta’Attivita` Għolja<br>Radionuklidu<br>l-attivita` ta’ meta kien manifatturat jew meta tqiegħed<br>fis-suq għal l-ewwel darba:<br>Data tal-manifattura:<br>Manifattur / Fornitur<br>Isem:<br>Indirizz<br><br>Pajjiż<br>Karatteristiċi fiżiċi u kimiċi:<br><br>Identifikazzjoni tat-tip ta’ sors<br>Identifikazzjoni tal-kapsula<br>Klassifikazzjoni ISO<br>Klassifikazzjoni ANSI<br>Ċertifikat tal-forma speċjali:</td>
<td>8 Wasla ta Sors ta’ Attivita` Għolja<br>Data meta jasal:<br><br>Rċevuta mingħand:<br>Isem:<br>Indirizz<br>Pajjiż<br>Manifattur ☐ Fornitur ☐ Min juża ☐</td>
</tr>
<tr>
<td>9 Trasferiment ta’Sors ta’ Attivita` Għolja<br><br>Data tat-trasferiment<br><br>Trasferita lil:<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Pajjiż<br>Manifattur ☐ Fornitur ☐ Min juża ☐<br>Stallazzjoni awtorizzata:</td>
<td>10 Aktar informazzjoni<br>Telf ☐ Data tat-telf<br>Serq ☐ Data tas-serq<br>Iva ☐ le ☐<br>Sejb data:<br><br>post<br>Informazzjoni oħra</td>
</tr>
</table>

**SKEDA III**

**Miżuri ta sigurta`**

Tabella 1 Rekwiżiti ta' sigurezza għal Livelli ta' Attivita` differenti

| | Sorsi ta Livell ta' Attivita` 3 | Sorsi ta Livell ta' Attivita` 2 | Sorsi ta Livell ta' Attivita` 1 |
|---|---|---|---|
| Tipi ta miżuri ta' sigurezza meħtieġa | Immaniġġar sigur u protezzjoni bħala assi | | |
| | Evitat aċċess mhux awtorizzat | | |
| | | Skopert fil ħin aċċess mhux awtorizzat | |
| | | Skopert fil ħin akkwist mhux awtorizzat | |
| | | | Jiddewwem l-akkwist sakemm ikun possibbli r-rispons |

Miżuri ta' Sigurta` Speċifiċi

Miżuri amministrattivi

Sabiex jikkonformaw ruħhom ma' dawn ir-regolamenti, il-pussessuri għandu jkollhom dawn il-proċeduri amministrattivi li ġejjin

- proċeduri għall-kontroll ta' aċċess;
- proċeduri għall-kontroll ta' cwievet;
- sorveljanza adegwata għal-livelli ta' attivita` 1 u 2;
- dokumentazzjoni relatata mal-maniġġar ta' sorsi;
- inventarji;
- ħaddiema li huma serji u ta' fiduċja;
- sigurta` ta informazzjoni għal-livelli ta' attivita` 1 u 2;
- miżuri ta' assikurazzjoni tal-kwalita`, u;
- il-ħolqien ta' kultura ta sigurta` u sigurezza.

Mizuri tekniċi

Mizuri tekniċi joffru impediment fiżiku għal sors, apparat jew faċilita` sabiex jisseparaha minn persuni mhux awtorizzati u sabiex ibiegħed, jew jipprevjeni, aċċess mhux intenzjonat jew mhux awtorizzat, jew tneħħija ta' sors radjuattiv.

Mizuri tekniċi ikunu ġeneralment oġġetti jew apparat ta' sigurezza, u jinkludu

- sisien;
- ħitan;
- gaġeġ;
- pakki tat-trasport;
- serraturi u sistemi li jinqaflu, għall-bibien;
- kontenituri protetti li jissakkru;
- apparat li jikkontjeni s-sors li jkun reżistenti għal intrużjoni;
- postijiet ta' aċċess li jkunu b'sistemt ta' allarm.

Tabella 2   Miżuri rakkomandati

| | Sors ta Livell ta' Attivita` 3 | Sors ta Livell ta' Attivita` 2 | Sors ta Livell ta' Attivita` 1 |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Miżuri amministrattivi ġenerali | Rendikont ta' kull sitt xhur | Rendikont ta' kull ġimgħa | Rendikont ta' kuljum |
| | Kontroll ta' aċċess għal-lok tas-sors | Kontroll ta' aċċess għal-lok tas-sors li jippermetti kxif fil ħin ta' aċċess mhux awtorizzat | |
| Miżuri ta deterrenza | | Żewġt miżuri (waħda teknika) li jisseparaw is-sors minn persunal mhux awtorizzat. | Żewġ miżuri  tekniċi li jisseparaw is-sors minn persunal mhux awtorizzat. |
| | Pjan ta' emerġenza ġeneriku | Pjan ta' rispons għal emerġenza speċifika | |
| | | Monitoraġġ ta' l-isfond | |
| | | Pjan ta sigurezza | |
| | | Sigurezza ta' informazzjoni | |
| | | Żjieda fis-sigurezza f'każ ta' theddida akbar | |
| | | Skopert fil-ħin minn allarm lokali | Skopert fil-ħin minn allarm  ta' kontra d-dħul  sorveljat mill-bogħod |
| | | | Rispons għal allarm fil-ħin |

**L.N. 13 of 2006**

## NATIONAL INTEREST (ENABLING POWERS) ACT (CAP. 365)

## Control and Security of High-Activity Radioactive and Orphan Sources Regulations, 2006

IN exercise of the powers conferred by article 3 of the National Interest (Enabling Powers) Act, the Prime Minister has made the following regulations:-

Citation, scope and coming into force.

**1**. (1) The title of these regulations is the Control and Security of High-Activity Radioactive and Orphan Sources Regulations, 2006.

(2) These regulations shall, unless otherwise indicated, be construed and interpreted as one with the Nuclear Safety and Radiation Protection Regulations, 2003, herein referred to as "the 2003 Regulations". L.N. 44 of 2003.

(3) These regulations implement the requirements of 2003/122/Euratom and the International Atomic Energy Agency's Code of Conduct on the Safety and Security of Radioactive Sources.

(4) These regulations shall come into force on the 31st January, 2006 provided that with regard sources placed on the market before this date:

(a) regulations 8 to 11 shall come into force on the 31st December 2007; and

(b) regulation 12 shall not apply, with the exception of the following requirements which shall come into force on the 31 st December, 2007:

– the holder shall ensure that, if practicable, each such source and the source container are accompanied by written information to identify the source and its nature,

– the holder shall ensure that, if practicable, each such source, and the source container are labelled with an appropriate sign to warn people of the radiation hazard.

Competent authority.

**2.** The competent authority that shall have overall responsibility for the implementation of these regulations is the Radiation Protection Board, except as explicitly specified.